# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 05 ta' Marzu, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**vs**
**Joseph Anthony Cini**

**Drogi Numru: 19/2019**

Il-Qorti:-

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Joseph Anthony Cini, u detentur tal-karta ta' l-identita numru 18570M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Lulju 2016 u fix-xhur ta' qabel din id-data:-

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra

awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kinietx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-punta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

e) Naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. E. Grima LL.D fid-digriet taghha datat 14 ta’ April 2012 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi

kundizzjonijiet u dan ai terminu ta' l-artikolu 579(2)(3) tal-Kapitou 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali a tenur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jinstema u jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mid-depozizzjoni ta'l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Malcom Bondin[1] jirrizulta li fil-5 ta' Lulju 2016 kienu qed isiru *spot checks* il-Hamrun fil-vicinanzi tal-Melita Bar. Twaqqaf l-imputat u waqt tfixxija li saret fuqu instabu tmien pakketti b'sustanza suspettuza u erbgha mobile phones; fil-karozza tieghu mbaghad instabu tlett skieken u s-somma ta' tlett mija u hmistax il-Euro (€350). Il-pulizija arrestaw lill-imputat li ttiehed id-depot fejn quddiem l-Ispettur Bondin irrilaxxja stqarrija. Ix-xhud esebixxa in atti l-istqarrija ta'l-imputat[2], l-oggetti u l-flus li nstabu fil-pussess ta'l-imputat,[3] u kopja ta' degriet datat 14 ta' April 2012 permezz ta' liema l-imputat kien inghata helsien mill-arrest[4].

Illi xehedu ukoll il-pulizija li kienu involuti f'l-ispot checks u l-arrest ta'l-imputat:

- PC760 Christopher Saliba[5] jispjega li fil-gurnata in ezami ra lill-imputat f'l-imsemmi Melita Bar; ghamlu tfixxija fuqu u waqt din it-tfixxija fil-but tal-qalziet kienu sabu sebgha *sachets* li fihom kien hemm sustanza suspettata droga eroina. Wara ghamlu tfixxija fil-karozza ta'l-imputat, Fiat Punto ta' kulur ahmar, u hemm sabu kaxxa tal-fwiha li fuqha kien hemm xi tracci, tlett mija u hmistax il-Euro (315) fi flus kontanti, u mus. Minn hemm marru l-ghassa tal-Hamrun u saret strip search. F'dan l-istadju f' kalzetta taht subghajh kien hemm *sachet* iehor li ukoll kien fiha sustanza suspettata droga

[1] Depozizzjoni a fol 15.
[2] Dok MB2 a fol 19.
[3] Dok MB4: is-skieken; Dok MB5: il-mobile phones; Dok MB6: il-flus; u Dok MB7 is-sustanza.
[4] Dok MB2 a fol 22.
[5] Depozizzjoni a fol 27.

eroina. Ix-xhud ikkonferma li l-oggetti kollha li sabu gew elevati u mghoddija lill-Ispettur Bondin.

- PC1494 Andre Grech[6] ikkorrobora dak kollu li qal il-kollega tieghu PC760 Christopher Saliba, pero isemmi sikkina mhux mus. Aktar minn hekk jghid li c-cavetta tal-Fiat Punto kienet ghand l-imputat li qallhom li dik il-karozza kien isuqha hu.

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri gew nominati zewg esperti: Gilbert Mercieca biex jezamina s-sustanza, u Keith Cutajar biex jezamina l-mobile phones.

Illi mid-depozizzjoni[7] u mir-rapport[8] ta' Gilbert Mercieca jirrizulta li fit-tmien sachets minnu ezaminati kien hemm sustanza b'piz totali ta' 0.9433 gramma liema sostanza kienet tahlita ta' eroina, kaffeina u paracetamol. Il-percentagg medju ta'l-eroina kien ta' 6.93% u l-valur kien ta' hamsa u sittin Euro u tmien centezmi (€65.08).

Illi mid-depozizzjoni[9] u r-rapport[10] ta' Keith Cutajar jidher li mill-mobile phones ezaminati ma rrizultat l-ebda informazzjoni utli ghall-kaz in ezami in kwantu fil-mobile phones ma nstabu l-ebda messaggi.

Ikkunsidrat

Illi ghal kull buon fini u b'referenza ghal-provi hawn fuq imsemmija jigi rilevat li:

- ghalkemm l-ufficjal prosekutur qal, fid-depozizzjoni tieghu, li fil-kors tat-tfixxijiet li saru nstabu erbgha mobile phones, li anke gew esebiti in atti, ma giex specifikat f'liema stadju dawn kienu gew elevati u lanqas ma specifika minn fejn gew elevati, jekk mhux fuq il-persuna ta'l-imputat jew mill-karozza. Aktar minn hekk la PC750 Christopher Saliba u lanqas PC1494 Andre Grech ma ghamlu referenza ghal dawn il-mobile phones fid-depozizzjoni taghhom. U
- li mid-depozizzjoni ta'l-ufficjal prosekutur jidher li gew elevati sikkina u zewgT imwies. Min-naha l-ohra PC1494 jghid li giet elevata sikkina, fil-waqt li PC760 jghid li gie elevat mus[11].

## L-imputazzjonijiet

[6] Depozizzjoni a fol 29.
[7] A fol 32.
[8] Dok GM1 a fol 33.
[9] A fol 43.
[10] Dok KC1 a fol 46.
[11] Ghal kull buon fini jigi rilevat li in atti hemm depozitati sikkina u zewgt imwies.

Ikkunsidrat

Illi peremzz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina.

Illi mill-atti jirrizulta li fil-gurnata in ezami, ghall-habta tat-tmienja nieqes kwart ta' fil-ghodu, pulizija osservaw lill-imputat f'bar fil-Hamrun. Malli rawh hemm huma ghamlu tifxxija u fil-but tal-qalziet sabu sergha boroz tal-plastic b'sustanza fihom; eventwalment ghamlu strip search u f'kalzetta taht subghajh sabu borza ohra ukoll b'sustanza fiha. Minn dawn il-boroz sebgha kienu ta'l-istess daqs fil-waqt li l-ohra kienet ikbar. Fil-kors tal-proceduri gie konfermat li dik is-sustanza kienet eroina. Aktar minn hekk fil-vettura ta'l-imputat instabet is-somma ta' tlett mija u hmistax il-Euro (€315) fi flus kontanti.

Illi minn dawn il-fatti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat kien fil-pussess ta' droga eroina. Pero dawn il-fatti wahedhom zgur li ma jammontawx ghal prova 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat kien qed jispacca dik id-droga ghaliex la gie notata xi moviment da parti ta'l-imputat u lanqas ma giet notatat xi persuna ohra tavvicina lill-imputat.

Illi fil-verita l-imputazzjoni issa in ezami hija bazata fuq dak li qal l-imputat f'l-istqarrija tieghu. Mill-atti processwali fil-fatt jirrizulta li fil-kors ta'l-investigazzjoni l-imputat irrilaxxja stqarrija[12]. Jirriuzlta ukoll li meta l-imputat irrilaxxja din l-istqarrija (fil-5 ta' Lujlu 2016) konformament ma' dak li kienet tipprovdi l-Ligi dak in-nhar inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel ma rrilaxxja l-istqarrija[13]. Ma inghatatx pero d-dritt li jkun assistit minn avukat waqt ir-rilaxx ta'l-istqarrija.

Illi l-ammissibilita ta' stqarrija rilaxxjata f'dawn ic-cirkostanzi giet dibattuta f'ghadd kbir ta' sentenzi kemm ta' Qrati domestici kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'sentenza mghotija fil-31 ta' Jannar 2020[14] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wara li ghaddiet in rassenja l-gurisprudenza l-aktar prevalenti u tat rendikont ta' kif din evolviet, qalet hekk:

> *Illi jinghad qabel xejn illi illum gew imfassla il-kriterji mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li ghandhom jigu ezaminati f'kull kaz ghalih u dan anke fejn allura tezisti restrizzjoni generali fil-ligi dwar id-dritt tal-access ghall-avukat, bil-Qorti Ewropeja titbieghed mill-insenjament tramandat fil-kaz ta' Salduz.*

---

[12] Dok MB2 a fol 19.
[13] Dan jirrizulta mid-dikjarazzjoni Dok MB1 a fol 18.
[14] Fil-kawza Pulizija vs Salvu Briffa et.

*Illi ghalkemm illum il-ligi penali nostrana giet emendata u dan sabiex jigi fis-sehh fil-ligi domestika d-dritt komunitarju fir-rigward u sabiex ukoll ir-restrizzjoni sistematika dwar id-dritt ghall-avukat jigi regolat, madanakollu fiz-zmien meta giet rilaxxjata l-istqarrija tal-appellant kien hemm dritt, ghalkemm wiehed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha fil-hin precedenti l-interrogatorju mill-pulizija.* ***Dan b'differenza mis-sitwazzjoni li kienet tezisti qabel is-sena 2010 fejn hemmhekk il-persuna suspettata kienet ghal kollox imcahhda minn xi forma ta' assistenza legali****.*

*Illi illum din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjamenti recenti moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem b'mod ewlieni dak ta' Farrugia vs Malta li mexa fuq l-insenjament tramandat fil-kaz Bueze vs Belgium u Doyle vs Ireland ma tistax a priori tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun inghatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tigi interrogata, izda fejn l-avukat taghha ma kienx prezenti filwaqt tal-interogazzjoni, u dan ghaliex allegatament jista' jkun hemm lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, billi kif mistqarr f'dawn il-pronunzjamenti kull kaz irid jitqies ghalih u allura jrid jigi mistharreg f'kull kaz individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkuzata ma kellhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija dan setax impinga fuq is-smigh xieraq iktar 'il quddiem tul il-proceduri penali istitwiti kontra taghha.*

*Din il-Qorti ma ghandhiex funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma ghandhiex il-poter tistharreg jekk ikunx sehh lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq jew jekk potenzjalment dan jistax isehh u dan f'kaz fejn xi forma ta' assistenza legali tkun giet moghtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeciedi a priori illi bil-fatt wahdu illi fiz-zmien li l-persuna akkuzata tkun giet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat prezenti maghha dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd taghha ghal smigh xieraq meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderigi il-qrati domestici jindagaw jekk il-proceduri fl-intier taghhom kenux gusti fil-konfront tal-akkuzat bit-test allura li irid jigi segwiet fuq zewg binarji u cioe':*
*1. the existence of compelling reasons for the right to be witheld*
*2. the overall fairness of the proceedings.*

*Gie deciz hekk fil-kaz Bueze vs Belgium (para 120 – 130)1(Deċiża nhar id-9.11.2018 mill-Qorti Ewropeja għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, applikazzjoni no. 71409/10)*

*'In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).' ...*

*'the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)'.*

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*
*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

***(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;***
***(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;***
***(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;***
***(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;***
***(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;***
***(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and***
***(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.***

*L-istess prinċiplji ġew applikati fis*-sentenza li laqtet lil pajjizna, **Farrugia vs Malta** *fejn a bażi ta' dawn il-prinċipji l-Qorti kkonkludiet illi:*

***'while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'2.***

*Illi kif inghad l-appellant ikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu qabel irrilaxxja l-istqarrija u kien abbilment assistit mill-avukat tieghu tul dawn il-proceduri fejn qanqal diversi difizi li kollha ser jigu kkunsidrati minn din il-Qorti fid-decizjoni taghha. In oltre, hemm provi u xhieda oħrajn li tressqu apparti din l-istqarrija, li jixhtu dawl fuq dak li sehh u fuq l-akkuzi addebitati lill-appellant. Mhux biss izda meta din il-Qorti tieħu kont tal-provi li hemm fl-atti mhijiex tal-fehma illi l-appellant sofra jew ser isofri xi preġudizzju irrimedjabbli billi fl-istadju li rrilaxxja l-istqarrija tiegħu hu ma kellux l-avukat preżenti mieghu speċjalment tenut kont tal-fatt illi*

*hu kien diġa kkonsulta debitament mal-istess. Konsegwentement dan l-ilment qed jigi michud.*

Illi minn din il-gurisprudenza jidher car li stqarrija mehuda fic-cirkostanzi odjerni tista jew ma tistax tinghata piz probatorju skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz li fiha giet prezentata bhala prova, mehud in konsiderazzjoni ukoll l-assjem tal-provi kollha prodotti.

Illi kif diga ntqal aktar 'l fuq l-imputazzjoni issa in ezami tisrih kompletament fuq d-dikjarazzjonijiet skriminatorji maghmula mill-imputat f'l-istqarrija minnu rilaxxjata u ma ngiebet l-ebda prova ohra in sostenn. Tenut kont ta' dan u b'applikazzjoni tal-principji mghoddija in rassenja fis-sentenza fuq citata, b'mod partikolari l-kriterji imsemmija f' Beuze vs Belgium, u tenut kont ukoll li ma jidhirx li kien hemm xi raguni impellenti li tiggustifika c-cahda tad-dritt ta' l-imputat li jkollu assistenza legali anke waqt ir-rilaxx ta'l-istqarrija, din l-istqarrija, in kwantu inkriminatorja fil-konfront tieghu, u kwalunkwe referenza ghal-kontenut taghha fil-kors tad-depozizzjoni ta'l-ufficjal prosekutur ikollha tigi skartata bhala prova inammissibbli.

Illi fin-nuqqas ta' din l-istqarrija u fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova ohra in sostenn, din l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi l-istess ma jistax jinghad ghat-tieni u ghat-tielet imputazzjonijiet li jirreferu ghall-'l hekk imsejjha *pussess aggravat* u *pussess semplici* tad-droga eroina.

Illi kif diga ntqal mill-provi prcesswali m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat kellu fil-pussess tieghu droga eroina, pero huwa qed jigi akkuzat ukoll b'pussess aggravat.

Illi l-Qrati taghna pronunzjaw ruhhom diversi drabi dwar il-pussess aggravat u l-prova necessarja biex jinghad li jissussisti dan ir-reat. Fis-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Borg[15] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wara li ghamlet referenza ghas-sentenza mghotija minn dik l-istess Qorti fil-kawza Pulizija vs Marius Magri[16], qalet hekk:

*.... dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn*

[15] Deciza fit-12 ta' Frar 2009.
[16] Deciza fit-12 ta' Mejju 2005.

*minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwisjtoni ma kienx ghall-uzu esklussiv jigifieri ghall-uzu biss tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App Krim. "Il-Pulizija vs Carmel Degiorgio" [26.8.1998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali: "il-Pulizija vs Carmelo Spiteri" [2.9.1999].)*

*Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmlu il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anke jekk mhux neccessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizijia vs Brian Caruana" [23.5.2002]).*

Illi dawn is-sentenzi gew citati b'approvazzjoni mill-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza ferm aktar ricenti u cioe Pulizija vs Dorothy Refalo[17], fejn il-Qorti ghamlet referenza ukoll ghal gurisprudenza ohra dwar l-element intenzjonali rikjest biex jissussisti r-reat issa in ezami. B'mod partikolari irreferiet ghas-sentenza mghotija fil-kawza f'l-simijiet Pulizija vs Jason Mallia[18] fejn intqal hekk:

*Qabel xejn għandu jiġi preċiżat li* **mhux korrett** *li wieħed jgħid li biex tikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplat fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 irid ikun hemm provi li juru li l-possessur kellu l-animus li jispaċċa d-droga. Jekk tiġi ippruvata miċ-ċirkostanzi, tali intenzjoni allura ċertament dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-possessur. Iżda tali intenzjoni mhix meħtieġa għall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li liġi tirrikjedi hu li jiġu ppruvati ċirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinċent morali 'li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati.' Fi kliem ieħor. Jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix beħsiebha tuża, tali pussess ikun jammonta għal pussess mhux għall-użu*

[17] Deciza fis-26 ta' April 2019.
[18] Mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fit-2 ta' Settembru 1999.

*esklussiv tal-pussessur, ukoll jekk il-pussessur ikun għadu ma ddeċidiex kif biħsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga.*

Illi aktar minn hekk f'sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Jeffrey Sammut[19] l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali irribadiet il-pricncipju li, anke fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet l-oneru tal-prova l-prosekuzzjoni tista' tilhqu bi provi diretti jew bi provi indizjarji.

Illi dan stabbilit u b'applikazzjoni tieghu ghall-kaz in ezami l-Qorti hija tal-fehma li l-kwantita u x-xorta tad-droga involuta; il-fatt li kienet maqsuma f'sebgha boroz zghar ta' l-istess daqs u borza ohra kbira; il-fatt li dan il-boroz kienu fil-but ta'l-imputat u wahda minnhom fil-kalzetta li kien liebes l-istess imputat; il-fatt li l-imputat instab fil-pussess ta' din id-droga barra, f'bar, fit-tmienja nieqes kwart ta' fil-ghodu; u l-fatt li nstabtu flus fil-karozza ta'l-imputat, huma provi sufficjenti biex jikkonvincuha li dik id-droga ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi in vista tas-suespost t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Ikkunsidrat

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe iz-zamma u garr ta' sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta barra minn xi fond, u dan minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-pulizija.

Illi kif diga gie rilevat li mid-depozizzjoni ta'l-ufficjal prosekutur jidher li gew elevati sikkina u zewg imwies. Min-naha l-ohra PC1494 jghid li giet elevata sikkina, fil-waqt li PC760 jghid li gie elevat mus.

Illi irrispettivament minn l-ammont ta' skieken jew imwies li gew elevati, hija nieqsa il-prova li l-imputat ma kellux licenzja biex igorr l-imsemmija strumenti barra minn xi fond.

Illi ghalhekk din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta'l-ahhar imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bi ksur ta' kundizzjonijiet imposti ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest.

---

[19] Deciza 29 ta' Settembru 2005.

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni gie esebiet degriet datat 4 ta' April 2012[20]. Minkejja li gie prezentat dan id-degriet ma tressqietx prova li l-persuna imsemmija f'dak id-degriet huwa fil-fatt l-imputat. Lanqas ingiebet prova li l-proceduri li fih kien inghata dak id-degiret kienu ghadhom pendenti fid-datata li l-imputat ikkommetta r-reati odjerni u li kien ghadu marbut bil-kundizzjonijiet hemm imposti.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi lanqas din l-imputazzjoni ma tista' tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll ix-xorta u l-kwantita tad-droga li nstabet fil-pusssess ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel, tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 issib l-imputat hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u **tikkundannah ghaxar xhur prigunerija u multa ta' elf Euro (€1,000)**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed **tordna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' erbgha mija u tlettax il-Euro (€413) rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti**[21].

In konkluzzjoni qed **tordna d-distruzzjoni tas-sustanza** esebieta Dok MB7 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**

[20] Dok MB3 a fol 22.

[21] Il-Qorti ordnat lill-imputat ihallas biss l-ispejjez rinkorsi fir-rigward tar-rapport redatt mill-espert Gilbert Mercieca ghaliex l-imputat m'ghandux ibaghti spejjez rinkors fir-rigward tar-rapport redatt mill-espert Keith Cutajar li sar inutilment.